MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Numru 1021/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**

**V**

**ALEX ZAMMIT**

**Il-Qorti**

Rat li l-imputat **ALEX ZAMMIT** ta' erbghin sena bin Michael u Maria nee Schembri imwieled Pieta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 1964 u residenti Michael's Court, Flat 1 Triq Salvu Buhagiar, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 441164M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dan l-ahhar tmien xhur qabel il-wiehed u tletin ta' Awissu 2004, bil-hsieb li jaghmel hsara lil Keith Desmond Falzon, akkuza lil istess Keith Desmond Falzon quddiem l-Awtoritajiet kompetenti b'reat fejn kien jaf li ma sehhx.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jghid waqt l-istess ezami li sar lil imputat nhar t-tlettax ta' Marzu 2006, li ma kellux l-kunsens bil-miktub tal-Avukat Generali sabiex dan l-kaz jigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jghid wkoll li ma kellux xhieda ohra xi jressaq fuq dan il-kaz u dan fis-seduta tal-hamsa ta' April 2006.

Ikkunsdirat:

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-artkolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa, skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Frar 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Borg**, gie ritenut li fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Mary Dark, deciza nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1942, hemm indikat x'inhuma l-elementi ta' dak r-reat u cioe:

1. l-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara lil persuna denunzjata;
2. l-akkuza quddiem l-awtorita kompetenti;
3. li dik l-akkuza tkun tirreferi ghal kommissjoni ta' reat li ghalih d-denunzjant ikun jaf li d-denunzjat huwa innocenti.[vide wkoll **Rex v Caterina Debono** ***deciza mill-Qorti tal-Apell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 1919*** u **Il-Pulizija v Violet Smith** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Gunju 1952***].

Skond s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Seychell** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997***, gie spjegat li l-akkuz jew denunzja ai finijiet ta' kalunja, ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri quddiem awtorita li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga w eventwalment tressaq il-Qorti [jew tghaddi l-kaz lil

haddiehor biex dan eventwalment iressaq l-Qorti] lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dak r-reat.

Issa, kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-hamsa ta’ April 2006, l-Ufficjal Prosekutur ressaq lil imputat l-Qorti a basi tal-kwerela li rcieva minghand Dottor Ruth Scott u mhux ghaliex a bazi tal-investigazzjoni li setgha ghamel hu.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Keith Desmond Falzon jixhed** fis-seduta tat-tlettax ta’ Marzu 2006 u jghid li “fil-fehma tieghu, l-imputat ghamel rapport falz fil-konfront tieghu ghaliex il-pulizija kienu baghtu ghalih fuq xi nvestigazzjoni t’abbuz fil-konfront ta’ ibnu stess.” Qal wkoll li huwa saar jaf b‘dan tramite Dottor Hugh Peralta li hu c-Chairman tal-Kumitat tan-Nursuery Football tal-Floriana. Spejga kif kien gie nvestigat mill-Ispettur Joseph Cordina u l-Ispettur Louise Calleja, pero jghid “li hadd minnhom ma qallu li kien l-imputat li ghamel dan r-rapport.”

Is-**Supretendent Peter Paul Zammit xehed** fl-istess seduta tat-tlettax ta’ Marzu 2006 fejn spjega kif xi sena u nofs ilu l-imputat kien kellmu fuq xi problema li kellu familjari. Qal li mar ikellemu ghaliex kien jafu u jghixu fl-istess akwati. Qali li ibnu minuri Alistair ta’ tlettax il-sena kien qed jiddejjaq imur il-*football* ghaliex kien qed idejqu certu Keith Desmond Falzon. Spjega li lilu kellmu <u>mhux</u> bhala Ufficjal tal-Pulizija, izda bhala habib li setgha jiftah qalbu mieghu. Qallu li ibnu setgha kien qed jigi abbuzat minn dan Keith Desmond Falzon w ghalhekk indirizzah biex jaghmel rapport lil Ufficjal inkarigat.

Wara certu zmien, gie nfurmat li saru xi *searches* ghand Keith Desmond Falzon u gew elevati xi oggetti ta’ *computers* u hafna ritratti ta’ minorenni b’hafna dati fuqhom w ghalhekk Keith Desmond Falzon tressaq il-Qorti fuq xi akkuzi konnessi ma ksur tad-Data Protection Act.

**L-Ispettur Louise Calleja xehdet** nhar t-tlettax ta’ Marzu 2006 fejn qalet li waqt li kienet imsiefra bdiet xi nvestigazzjoni fuq Keith Desmond Falzon u hadet parti minn din l-investigazzjoni tant li spiccat ressqet lil Keith Desmond Falzon l-Qorti. Hija cahdet li l-imputat qatt

ghamlilha xi rapport fuq dan Keith Desmond Falzon u lil minuri koncernat ma kienetx hi li kellmitu.

**L-Ispettur Joseph Cordina xehed** nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2006 u qal li huwa wkoll ha sehem fl-investigazzjoni li kienet saret fil-konfront ta' dan Keith Desmond Falzon u li effettivament kien kellem lil diversi minuri koncernati ma dan il-kaz, pero qal li huwa lil imputat qatt ma nvestigah u lanqas qatt ma kellem lil ibnu l-munuri.

**L-Ispettur Ian Abdilla xehed** nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2006 li wkoll kien involut fl-investigazzjoni fejn gew mitkellma xi tfal fuq xi *complaints* li saru fil-konfront ta' Keith Desmond Falzon fis-sens li kien qed igib ruhu hazin fil-konfront tat-tfal. Mistoqsi jekk kienx hu li nvestiga lil imputat, x-xhud wiegeb fi-negattiv u mistoqsi jekk kienx hu li kellem lil minuri iben l-imputat, x-xhud ma kienx f'posizzjoni li jghid u li kellu jivverifika.

Nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006, **xehdet s-Supretendent Alexandra Mamo** fejn qalet li hija marret tkellem lil imputat ghaliex kienet giet avvicinata minn Peter Paul Zammit, s-Supretendent li l-imputat kien qallu li ibnu minuri Alistair Zammit kien qed jigi fastidjat minn Keith Desmond Falzon. Hija baghtet ghal imputat u dan allegatament qalilha li ibnu kien ircieva xi 'sms' minghand Keith Desmond Falzon bil-kliem 'I love you' w ghalhekk kien qed ihossu li ibnu qed jigi fastidjat minnu. Hija kellmet lil minuri li qalilha li kien qed ihossu stramb jircievi 'sms' minghand ragel bil-kliem 'I love you'. Qalilha wkoll li dan Keith Desmond Falzon kien ihuf warajh u tah gizirana wkoll. Qalet li t-tifel ikkonfermalha li pero abbuz ma kienx hemm. Qalet li kien hemm hafna li garrew dwar il-komportament ta' dan Keith Desmond Falzon.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006, **xehed l-Ispettur Anthony Cassar** u qal li huwa gie avvicinat minn Dottor Frank Cassar li jahdem fl-ufficju ta' Dottor Ruth Scott u talbu li xtaq jirtira l-kwerela in dezamina. Naturalment, dan ma setghax isir ghaliex il-proceduri jitmexxew *ex officio*.

**Dottor Hugh Peralta xehed** nhar l-hamsa ta’ April 2006 w ikkonferma li l-imputat kein stqarr mieghu li ma kienx kuntent b’dak li kien qed isehh fin-Nursery tal-Floriana fis-sens li ibnu minuri Alistair kien qed jigi fastidjat minn certu Keith Desmond Falzon. Qal li wrih xi ‘sms’ li dan Keith Desmond Falzon kien baghat lil ibnu minuri w indahal wara li saret l-investigazzjoni tal-pulizija w nstabu diversi ritratti ta’ minuri fil-pussess tieghu. Ghalhekk iddecida li lil dan Keith Desmond Falzon ma jhallihx aktar fin-Nursery tal-Floriana. Ikkonferma li l-imputat mieghu qatt ma ghamel rapport fuq Keith Desmond Falzon fejn allega li dan tal-ahhar kien baghbaslu lil ibnu jew abbuza minnu. Qal biss li l-imputat wera interess fl-imgieba ta’ ibnu ma terzi.

Illi ghalhekk mill-provi suesposti, zgur li l-elememti tar-reati in dezamina ma jirrizultawx w ghalhekk wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kelliex aktar provi u wara li rart l-artikolu 401(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **il-Qorti tiddecidi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat ALEX ZAMMIT jitqieghed taht att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu**.

**Il-Qorti tordna, ai termini tal-atikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li l-atti tal-kumpilazzjoni bid-digriet moghti llum jigu mibghuta lil Avukat Generali fi zmien tlett ijiem tax-xoghol**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------